MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 773/2003

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Alfred Mercieca**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet li l-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u ghaxar liri Maltin (Lm310) rapprezentanti danni kkagunati fil-proprjeta’ tal-Korporazzjoni attrici f’incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta’ Dicembru, 2000 gewwa Triq Sant’ Anna, Floriana kantuniera ma’ Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana.

Ra r-Risposta tal-konvenut li fiha eccepixxa li huwa m’huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u li minghajr pregudizzju ghas-suespost se mai l-imghax jibda

jghodd mid-data tas-sentenza u mhux mid-data ta' l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda traskritta ta' Salvatore Farrugia, PS 325 Patrick Bonnici u ta' Paul Galea.

Sema' x-xhieda ta' Alfred Mercieca u ta' l-istess Paul Galea.

Ra li fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2004 il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Dwar ***ir-responsabbilta'***, din il-kawza tikkoncerna ncident li sehh fit-3 ta' Dicembru, 2000 fi Triq Sant' Anna biswit Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana. Mill-provi jirrizulta illi l-konvenut kien qieghed isuq xarabank u f'dak il-hin laqat arblu tad-dawl u kkawza hsara. Fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal il-konvenut qal li dakinhar kienet ix-xita u fil-hin ta' l-incident ix-xarabank skidja u b'hekk laqat l-arblu in kwistjoni.

Fl-okkorrenza esebita mill-pulizija fejn hemm deskrizzjoni ta' x'qal il-konvenut lill-pulizija meta nvestiga l-kaz, il-verzjoni hija daqsxejn differenti fis-sens illi huwa qal:

"He was proceeding in St Anne Street when he turned towards Great Siege Road, Floriana he felt something hitting the bus and when he looked he noticed he had hit an electric pole. The driver added he could not see very well due to the condensation on the windscreen and side-windows."

Fiz-zmien meta tkellem mal-pulizija dakinhar ta' l-incident ma semma xejn dwar skidjar tal-vettura.

Tajjeb li tigi kwotata s-sentenza tal-Prim Awla (RCP) tat-30 ta' Mejju, 2002 Citazz 2294/98RCP **"David Crisp Vs Ian Zahra"** li kienet kawza li, bhal din, involviet ezami dwar il-kuncett tar-*res ipsa loquitur* u *skidding*.

"Illi jinghad ukoll li f'cirkostanzi simili meta karozza tispicca tahbat ma' karozza pparkjata, dan ikun kaz ta' "*res ipsa loquitur*" fejn huwa allura l-oneru tal-konvenut li permezz tal-provi minnu migjuba jipprova jiggustifika l-azzjoni tieghu. Dan gie tenut fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **"Atlas Insurance Agency Company Limited Vs Brian Cilia"** (P.A. (RCP) 16 ta' Jannar, 2001) u **"Sultana Brothers Transport Limited Vs Christopher Camilleri"** (P.A. (RCP) 2 t'Ottubru, 2001).
Illi l-istess gie determinat fil-kawza **"Middle Sea Insurance p.l.c. Vs Jason Scerri"** (P.A. (RCP) 7 ta' Dicembru, 2000), fejn il-Qorti sostniet li bla ezitazzjoni ta' xejn, thoss li dan huwa kaz ta' *"res ipsa loquitur"*, li l-effett taghha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u tohloq bhal speci ta' presunzjoni ta' *"prima facie"* li t-tort huwa ta' wiehed u mhux ta' l-iehor. **"John Formosa noe Vs Joseph Zammit" (**F.G.C. 30 t'April, 1993); **"Charles Tonna Vs Joseph Cassar" (**A.C. 14 ta' Mejju, 1971); **"Edgar Zahra Vs Carmelo Vassallo" (**A.C. 5 t'April, 1971)."

Illi skond il-Gibb para. 90 jinghad illi

*"When a stationary car is struck by a moving one, the driver of the moving car is usually liable, and the burden of proof resting on the plaintiff will in such a case not be difficult to discharge".* U dan gie citat fis-sentenza fl-ismijiet **"Lloyds (Malta) Limited Vs Anthony Borg" (**P.A. (RCP) 31 ta' Mejju, 2000).

Illi nfatti fis-sentenza **"Hugh P. Zammit Vs Keith Farrugia" (**P.A. (RCP) 28 ta' Gunju, 2001) inghad li :-

*"Dwar l-iskid jinghad, li skond il-gurisprudenza nostrali, tali azzjoni hija ghal kollox newtrali, fis-sens li fiha nfisha la tindika responsabbilta' u lanqas nuqqas taghha fir-rigward tas-sewwieq ta' l-istess vettura, izda sabiex wiehed ikun*

*jista' jattribwixxi r-responsabbilta' ghas-sewqan f'kaz ta' skid wiehed irid ihares lejn dawk ic-cirkostanzi kollha li kkawzaw l-istess skid, liema cirkostanzi ovvjament imbaghad jindikaw ir-responsabbilta' o meno fis-sewqan tal-persuni nvoluti.* ***"Alexandra Saliba Sammut Vs Joseph Attard"*** *(P.A. (RCP) 25 ta' Jannar, 2001)".*

"Illi mill-fattispecie kollha tal-kaz jirrizulta li 'n effetti l-istess incident gie kkawzat mis-sewqan traskurat tal-konvenut li ma kienx attent ghal dak li kien qieghed quddiemu, b'mod li tilef il-kontroll ta' l-istess vettura tieghu u spicca habat ma' karozza pparkjata fuq ix-xellug tieghu li marret bl-impatt ghal fuq il-mutur ta' l-attur li kien ghaddej fi triqtu fid-direzzjoni opposta, u ghalhekk is-sewqan tal-konvenut kien il-kawza prossima ta' l-istess incident"

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut jahti unikament ghall-incident in kwistjoni u dan billi, waqt is-sewqan tieghu, laqat arblu tad-dawl li kien qieghed fil-genb tat-triq. Arblu ma jiccaqlaqx wahdu. Dan huwa kaz ta' *res ipsa loquitur* u jinkombi fuq il-konvenut li jiskolpa ruhu – haga li t-Tribunal jidhirlu li ma rnexxielux jaghmel.

Huwa evidenti illi jew il-konvenut ma kkontrollax sewwa l-vettura tieghu jew inkella ma ndunax li kien hemm l-arblu in kwistjoni u b'hekk ikkawza l-hsara. Dwar l-iskidding huwa semplicement ighid li kienet ix-xita u li t-twieqi tieghu kienu mcajprin. Dawn zgur m'humiex skuzanti. Se mai, fl-ewwel kaz (ix-xita) jimponi attenzjoni akbar fis-sewqan u dwar it-tieni (twieqi mcajprin) juru negligenza qawwija fl-obbligu tieghu ta' sewwieq li jaccerta li f'kull hin u f'kull mument huwa jkun jista' jara x'qed jigri madwaru. Jekk il-vizwali tieghu kienet ridotta minhabba li t-twieqi kienu mcajprin kellu obbligu li jnaddafhom.

Illi ghalhekk m'hemm ebda gustifikazzjoni jew skuzanti li b'xi mod tista' timmilita favur il-konvenut fir-rigward tar-responsabbilta' ghall-incident u konsegwentement minghajr ezitazzjoni ta' xejn it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizjoni.

Ghar-rigward tal-***quantum*** tad-danni dawn jidhru wkoll ikkontestati. Il-Korporazzjoni attrici qieghda titlob hlas ta' tlett mija u ghaxar liri Maltin (Lm310), liema somma hija spjegata fid-dettall fl-istatement esebita a fol 29 tal-process. Dakinhar ta' l-incident sar rapport u stima minn Paul Galea li kien l-ufficjal inkarigat mill-Enemalta u l-istima tieghu telghet ghal mija u sebgha u erbghin lira Maltin (Lm147) bhala prezz tal-materjal, erbgha u sittin lira Maltin (Lm64) bhala labour, imbaghad ma' dawn iz-zewg ammonti huwa mmultiplika bl-ammont ta' 1.485 biex gietu s-somma ta' tlett mija u tlettax-il lira Maltin u tlieta u tletin centezmu u hames millezmi (Lm313.33,5). Paul Galea spjega illi l-multiplikazzjoni ta' 1.485 issir biex jigu koperti l-*administrative costs* tal-Korporazzjoni.

Minn paragun ta' din l-istima u ta' l-istatement in konnessjoni ma' dawn ix-xoghlijiet a fol 29 tal-process l-istess Paul Galea xehed illi hemm avarija fis-sens illi l-istima tieghu tikkoncerna arblu wiehed, mentri l-costings a fol 29 tal-process jikkoncernaw zewg arbli. Fl-istima tieghu ma jsemmix hsara lill-*lantern* mentri fil-costings hemm inkluza *lantern*. Huwa evidenti illi jekk wiehed iqabbel il-parts indikati fl-istatement a fol 29 tal-process hemm differenza sostanzjali. F'dan ir-rigward it-Tribunal jidhirlu li ghandu joqghod fuq id-dikjarazzjoni ta' Paul Galea dwar dak li kellu bzonn jinbidel u minn din l-istima wiehed jiehu li jista' mid-dokument a fol 29 tal-process.

Minn dan jigi illi l-affarijiet li kellhom bzonn jinbidlu huma:

| | |
|---|---|
| Steel pole li jammonta ghal | Lm 95.12c |
| Wire b'tul ta' 12 metres li jammonta ghal | Lm 1.94c |
| One lamp li tammonta ghal | Lm 5.75c |
| Li jgibu total ta' | **Lm102.81c**. |

Ma' dan l-ammont wiehed irid izid l-ispiza koncernata sabiex l-arblu l-antik jitnehha u jigi mwahhal l-arblu l-gdid u t-Tribunal jidhirlu li l-ammont ta' tletin lira Maltin (**Lm30)** ghandu jkun sodisfacenti.

Fl-istima a fol 29 tal-process m'hemm l-ebda labour element imputata ghall-Korporazzjoni Enemalta izda t-

Tribunal jidhirlu xi *administrative costs* u *labour costs* ta' l-impjegati tal-Korporazzjoni attrici bilfors kien hemm u ghalhekk qed jikkomputa dan fl-ammont ta' erbgha u sittin lira Maltin (**Lm64)** u cjoe' l-ammont li jissemma fl-istima ta' Paul Galea.

Illi a bazi tal-premess u tal-principji ta' ekwita' t-Tribunal qieghed jillikwida l-kumpens dovut ghall-ammont ta' mija u sitta u disghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu **(Lm196.81c).**

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, qieghed jillikwida l-kumpens dovut ghall-ammont ta' mija u sitta u disghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm196.81c) b'dan illi, stante li l-likwidazzjoni qieghda ssir ope sententiae, l-interessi jibdew jiddekorru mil-lum. L-ispejjez kollha tal-kaz huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------